VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 73

fl-Uffiċċju tal-Kunsill, **il-Ħamis, 28 ta' Marzu 2013 fl-17.00**

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Peter Buontempo, Raymond Azzopardi, Mario Camenzuli u Valerie Borg. Il-Kunsillier Vincent Farrugia ma setax jattendi.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 72 li saret **it-Tlieta, 19 ta' Frar 2013 fl-17.00** kienu ikkonfermati.

**1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku nforma x-xogħol fuq il-bandli ta' taħt il-qanpiena tlesta.

1.2 Is-Sindku nforma x-xogħol fuq Sqaq l-Iljuni tlesta jonqos biss l-ispralli.

**2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Il-Kunsillier Camenzuli ilmenta fuq is-servizz ta' l-iskart. Is-Sindku ikkonferma dak li qal il-Kunsillier Cameznuli u nforma li l-Kunsill kien qed jirċievi numru kbir ta' lmenti dwar is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart. Is-Sindku nforma li il-kuntrattur rċieva numru kbir ta' warnings min-naħa tal-Kunsill, pero dan baqgħa ma għamel xejn biex is-servizz jerġa jiġi għan-normal. IL-Kunsillier Raymond Azzopardi qal li fi żmien il-Contract Manager preċedenti kien anke ingħata 2 default notices. Il-Kunsillier Azzopardi qal ukoll li jista jkun qed isir hekk minħabba xi pika li setgħet inqalet bejn da nil-kuntrattur u l-kuntattur il-ġdid. Il-Kuntrattur Zammit kien qiegħed jaħdem b'kuntratt skadut, għalhekk il-Kunsill prefer li s-servizz jibda jingħata min Waste Collection anke minħabba l-fatt li dawn diġa qed jagħtu servizz fuq żewġ kuntratti oħra. Il-Sindku DrAlexiei Dingli, il-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Valerie Borg, Mario Camenzuli u Peter Buontempo qablu li għandu jitwaqqaf dan il-Kuntrattur peress li qed jagħmel isem ħażin lill-Kunsill. Il-Kunsillier Raymond Azzopardi astjena mill-vot.

**TMIEM**

Fil-18.00pm intemmet is-Seduta

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku